II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2020/231

tat-18 ta' Frar 2020

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1977 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perijodu 2019–2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1977 ([1]) jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perijodu 2019-2020. Ġew stabbiliti volumi xierqa għal kull kwota tariffarja sabiex ikun żgurat li l-industrija tal-ipproċessar tal-Unjoni jkollha provvista adegwata għall-perijodu 2019-2020.

(2) Fil-kwota tariffarja applikabbli taħt in-numru tal-ordni 09.2750 elenkata fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1977, l-uniċi prodotti koperti mill-kodiċi tan-NM ex 0305 20 00 bil-kodiċi tat-TARIC 35 huma dawk li jikkorrispondu mad-deskrizzjoni "bajd tal-ħut, maħsul, imnaddaf mill-organi aderenti u sempliċiment immellaħ jew fis-salmura, għall-manifattura ta' sostituti tal-kavjar".

(3) Madankollu, taħt ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2265 ([2]), li kien jipprevedi r-Regolament (UE) 2018/1977, il-kwota tariffarja kkonċernata kienet tirreferi għall-kodiċi tan-NM ex 1604 32 00 bil-kodiċi tat-TARIC 20 għal dawk il-prodotti li jikkorrispondu mad-deskrizzjoni tal-" bajd tal-ħut, maħsul, imnaddaf mill-organi aderenti u sempliċiment immellaħ jew fis-salmura, għall-manifattura ta' sostituti tal-kavjar".

(4) Id-diskrepanza bejn iż-żewġ Regolamenti fir-rigward tal-kodiċi tan-NM rilevanti, fir-rigward tal-istess numru tal-ordni, għamlitha diffiċli biex l-industrija tal-ipproċessar tal-Unjoni tinterpreta d-dispożizzjonijiet rilevanti u biex tifhem id-differenza bejn iż-żewġ kodiċijiet tan-NM. Dan in-nuqqas ta' ċarezza kellu impatt negattiv fuq l-industrija tal-ipproċessar tal-Unjoni.

(5) Huwa xieraq li tiġi emendata l-lista ta' prodotti koperti mill-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2750 sabiex dawn ikunu jinkludu wkoll, għal perijodu limitat ta' sena, il-prodotti bil-kodiċi tan-NM ex 1604 32 00 bil-kodiċi tat-TARIC 20. Barra minn hekk, jenħtieġ li tinżdied nota ta' qiegħ il-paġna li tkun tirreferi għal dawn il-kodiċijiet tan-NM u tat-TARIC u għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019.

(6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1977 jiġi emendat skont dan.

(7) Il-perijodu li matulu l-kwoti miftuħin bir-Regolament (UE) 2018/1977 japplikaw fl-ewwel sena huwa mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019. Minħabba li huwa neċessarju li l-operaturi ekonomiċi jiġu ttrattati bl-istess mod, u filwaqt li jitqies il-fatt li għadha ma ġietx eżawrita l-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2752, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2019 sabiex l-operaturi ekonomiċi li jużaw il-bajd iebes tal-ħut (bħala prodott lest) ikollhom l-opportunità li jkomplu jibbenefikaw mid-dazju favorevoli għal din il-kwota mingħajr interruzzjoni għal perijodu limitat taż-żmien. Għaldaqstant jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih,

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1977 tal-11 ta' Diċembru 2018 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perijodu 2019 – 2020 (ĠU L 317, 14.12.2018, p. 2).

([2]) Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2265 tas-7 ta' Diċembru 2015 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2016 – 2018 (ĠU L 322, 8.12.2015, p. 4).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tielet ringiela tal-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1977 (Numru tal-ordni 09.2750) hija emendata kif ġej:

(1) l-entrata taħt il-kolonna "Kodiċi tan-NM" hija sostitwita b'dan li ġej:

" ex 03052000

ex 1604 32 00";

(2) l-entrata taħt il-kolonna "Kodiċi tat-TARIC" hija sostitwita b'dan li ġej:

"35

20";

(3) in-nota ta' qiegħ il-paġna segwenti tiżdied mal-kolonna "Deskrizzjoni" wara l-kliem "sostituti tal-kavjar":

"Għall-kodiċi tat-TARIC 1604 32 00 20 din il-kwota tariffarja tapplika mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. MARIĆ